BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

10 ta' Marzu, 2009

**Minuti tal-laqgha numru 24(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgha numru 24(05), fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar, 2009 fi 6:20 ta' filgħaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-Sur Christopher Cassar – Viċi Sindku, is-Sinjura Miriam Grech u s-Sinjura Judith Saliba.
Is-Sur Ivan Peresso kien skuzat.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu għal-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgħa 23(05) u l-minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgha numru 23(05).



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.1 Item 1.1 (23/05) u item 1.3 (kont 23/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li ghal progett Qualicities kien hemm ko-finanzjament ta' 25% u ghalhekk dik is-somma li l-istess Kunsill kien ircieva kienet koretta.

1.2 Dwar item 1.2(23/05), is-Sindku s-Sur John Boxall nforma lill-Kunsilliera li kif jafu tajjeb intbghatet ittra lill-Ministru Tonio Fenech ghal liema ittra l-Kunsill rcieva risposta minghand l-Onorevoli Ministru li "ser jara x'jista' jaghmel".

1.3 Dwar Item 1.4(23/05), is-sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li bl-ghajnuna ta' l-Onorevoli Francis Zammit Dimech, gie sottomess progett that is-sejha ta' l-Interreg IVC fi hdan l-Unjoni Ewropea, liema progett ser ikun imexxi mill-Belt ta' Gela fi Sqallija. Dan il-progett "Network of Eccelence" hemm finanzjament ta' € 300,000 u ko-finanzjament ta' 15% jigifieri ta' € 45,000 min-naha tal-Kunsill.

1.4 Dwar item 1.5(23/05), is-Sindku s-sur John Boxall nforma lill-Kunsilliera li CCTV Camera fi Triq il-Lbic kienu twahhlu minn sid il-hanut D Centre

1.5 Item 1.6(23/05), is-Sindku qal li mal-Librar is-Sur Joe Gauci, hemm is-Sur Roderick Scerri, li gie mibghut mill-ETC taht l-iskema JES. Is-Sur John Boxall, zied jghid li s-sur Scerri li minkejja li huwa ibghati min dizabilta huwa vera tifel habbrieki u obbidjenti. Is-Sindku ssugerixxa li jekk l-korporazzjoni ETC tkun lesta li tipprovdielu paga, il-Kunsill ser ikun lest li jzommu bhala mpjegat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Dwar item 2.1(23/05), rigward il-kwistjoni mad-Direttur tal-kumpanija Nexos Street Lighting, is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra li ntbaghtet mill-Avukat tal-Kunsill Dr. Neville Camilleri. Biss is-Sur John Boxall, Sindku gharraf lill-Kunsilliera li s-Sur Silvio Scerri rega cempillu huwa min-naha tieghu nforma mmedjatament lill-Pulizija u anke lill-Amministrazzjoni tal-Partit li hu jirraprezenta. Is-Sindku zied jghid li s'issa hadd ma tah risposta kif ser jipprocedi f'dan il-kaz. Barra minn hekk is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 2

ta’ Frar, 2009 saret il-laqgha tal-Kumitat Kongunt ta’ l-Istreet Lighting Devolution u ser tohrog it-tender.

1.7 Item 2.2(23/05) is-sur John Boxall, Sindku qal li rigward it-talba ta’ l-istess Kunsill sabiex isir il-mini-pitch fil-Birgu bl-ghajnuna tal-Malta Football Association, il-Kunsill ghadu minghajr risposta.

1.8 Dwar item 2.3(23/05), is-Sindku qal li r-rapport min-naha tal-perit tal-Kunsill, il-Perit Mark John Scicluna rigward Triq il-Kunvent flimkien mar-rapport li sar mill-Perit John B. Farrugia ghan-nom tar-rtesidenti ta’ l-imsemmija triq kien ntbaghat lill-Awtorita’ tat-Trasport u l-Kunsill qieghed jistenna risposta min-naha ta’ din l-Awtorita’.

1.9 Item 2.4(23/05), is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-irhas offerta kienet l-offerta mibghuta mill-Kumpanija Best Print li kienet tammonta ghal € 2645 minghajr VAT ghal 4000 booklet u ghaldaqstant issugerixxa sabiex tintlaqa’ din l-offerta, peres li kienet l-irhas. Hawnhekk is-Sindku ssugerixxa li biex il-Kunsill ma jidholx f’iktar spejjez jsiru 2000 booklet u b’hekk l-isponsorship ghar-reklamar ikoppri l-ispejjez ta’ l-imsemmi booklet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Item 2.5(23/05). Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara laqgha li saret mas-Sur Martin Morana fi hdan l-Awtorita’ Maltija tat-Turizmu flimkien mas-Sindki ta’ l-Ibliet tal-Kottonera inkluz il-Kalkara rigward il-“Kottonera Festival” gie deciz li l-imsemmi festival jittella’ bejn id-19 u l-21 ta’ Gunju, 2009. Is-Sindku qal li dan il-festival min-naha tal-Kunsill tal-Birgu ser jiffoka fuq l-ikel tradizzjonali u s-snajja’ Maltin tradizzjonali u ghal daqstant issugerixxa li barra li tittella’ l-attivita’ tal-Kurdara, din l-attivita’ tigi kkumplimentata b’re-enactment tal-vjatku, bejgh ta’l- ikel u haxix b’mod tradizzjonali, terramaxka etc…… Is-Sindku zied jghid li hu ghan-nom tal-Kunsill kien tkellem mas-Sur Noel Castillo direttur tal-kumpanija Leon Promotions sabiex jibghat is-suggerimenti tieghu dwar din l-attivita’. Biss, is-Sindku zied jghid li l-Kunsilli kkoncernati ghadhom qed jistennew risposta ghal finanzjament ta’ dan il-festival fejn gie

mitlub lill-Awtorita' tat-Turizmu finanzjament totali ta' € 25,000 lil kull Kunsill rispettivament. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li s'issa ghadna minghajr risposta.

1.11 Dwar item 2.7(23/05) is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li fuq decizjoni ta' l-istess Kunsil, ntbghatet ittra lil Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, fejn l-istess Kunsill talab l-ghajnuna u l-intervent tieghu ghat-talba lil l-Kunsill ghamel lil Kumitat ta' l-Ismijiet tat-toroq sabiex l-isem ta' Misrah ir-Rebha jinbidel ghal "Pjazza tar-rebha".

1.12 Item 2.8(23/05) is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-istess Kunsill issottometta applikazzjoni taht l-iskema ghal progett "Energy Saving" mahruga mid-dipartiment tal-Kunsill Lokali sabiex tigi nstallata sistema ta' dawl energy saving fuq il-binja ta' l-istess Kunsill.

1.13 Dwar item 2.9(23/05), is-Sindku zied jghid lil-kumpanija "Dhalia Real Estate" talbet sabiex wahd mil-barriers titwahhal f'Misrah ir-Rebha vicin tal-kaxxa postali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.14 Dwar item 5(23/05) is-Sur John Boxall, Sindku ta rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghall-attivita "Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti".

1.15 Item 6(23/05) u (kont 23/05) is-Sindku qal li l-Kunsill qed jiffacja certi problemi fuq il-progett tal-Gnien tal-Hawli fejn fost ohrajn il-Perit Mark John Scicluna ma jridx jidhol fuq ix-xoghol ga mibdi mill-Perit Duncan Mifsud. Biss il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta mill-Perit Duncan Mifsud dwar it-tibdil fil-pjanti fejn fost ohrajn ser jikkomoda parkegg ghar-residenti. Biss sa issa l-Kunsill ghadu minghajr risposta.

1.16 Dwar il-progett ECOPAS item 14(23/05) is-Sindku qal li l-applikazzjoni giet sootomessa that is-sejha Interreg IVC fi hdan l-Unjoni Ewropea.

1.17 Item 16(23/05) Is-Sindku qal li hu flimkien mal-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar ser jattendu ghat-tieni laqgha ta' dan il-progett li ser isir bejn it-12 u l-15 ta' Frar, 2008 gewwa Sliven fil-Bulgarija. Is-Sindku zied jghid li l-flus mibghuta mil-Lead Partner gew iddepositati fil-kont Bankarju mal-Banif Bank u ser jithallsu biss affarijiet relatai mal-Progett Oralities.

1.18 Item 17(23/05) is-Sindku qal li hu ghan-nom tal-Kunsill kien ntaqa' ma raprezentanti tal-Bank of Valletta sabiex flimkien jigi deciz post alternattiv ghal stand alone ATM. F'din il-laqgha gie ssuggerit Triq San Lawrenz kantuniera ma' Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras biss id-decizjoni min-naha tal-Bank of Valletta ghada pendenti.

1.19 Dwar item 1.2(kontinwazzjoni 23/05)is-Sindku qal li l-Onorevoli Glenn Bedingfield innota b'sodisfazzjon li t-talba tieghu giet approvata unanimament min-naha tal-kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tittella' konferenza stampa, dwar l-konferenza li hu qieghed jorganizza, nhar il-Gimgha 20 ta' Marzu, 2009, gewwa Gallerija Couvre Porte u rispettivament nhar il-Gimgha 27 ta' Marzu, 2009, gewwa Caraffa Stores.

1.20 Item 1.5(kontinwazzjoni 23/05) is-Sindku qal li l-iskema dwar l-inizjattivi sportivi giet mghoddija lill-Kunsillier Ivan Peresso izda peress li d-data ta' l-gheluq hija fil-qrib u s'issa ghadna minghajr risposti, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsilliera Miriam Grech flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva jiehdu hsieb din l-applikazzjoni sabiex isiru attivitajiet sportivi fil-lokalita tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.21 Dwar item 1.7(kontinwazzjoni 23/05) is-Sindku s-Sur John Boxall qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gab is-Servizz tal-Green Wardens ghal gurnata shiha ezattament mis-6 ta' filghodu sa 7 ta' filghaxija izda kull ma nghataw kienet citazzjoni wahda.

1.22 Item 7(kontinwazzjoni 23/05). Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill ircieva hames sottomissjonijiet mill-ghaqdiet dwar l-opinjoni taghhom dwar l-attivitajiet ta' Jum il-

Birgu. Is-Sindku zied jghid li nhar l-Erbgha 18 ta' Frar, 2009, ser issir laqgha mal-kummissjonijiet mibghuta mis-socjetajiet kollha li bghatu s-suggerimenti taghhom.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mis-Sinjura Grazia Clementi ghan-nom ta' Consorzio Med Europe Export liema kumpanija giet mressqa mil-Malta Enterpriose lejn il-Kunsill tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija hija nteressata li taghmel xi progetti u tikkopera mal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill juri l-interess tieghu u jitlob lil din il-kumpanija tibghat il-proposti taghha.

2.2 Is-Sur John Boxall, Sindku prezenta invite mill-Assocjazzjoni AVEC sabiex il-Kunsill jippartecipa fil-konferenza generali ta' din l-assocjazzjoni li ser issir bejn is-27 u t-28 ta' Marzu, 2009, gewwa Rennes, fi Franza. Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghandu t-tigdid tal-Kariga tieghu fl-amministrazzjoni ta' l-Assocjazzjoni, kif ukoll li jrid ihallas il-*membership fee*. Wara d-diskussjoni, l-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar ssugerixxa sabiex is-Sindku s-Sur John Boxall jattendi ghal din il-konferenza peress li huwa l-Vici President ta' din l-assocjazzjoni u tithallas il-membership fee ta' din l-assocjazzjoni. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Email mill-Municipalita ta' Tours fi Franza fejn talbu lil Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fil-progett "CREA GARDINS" progett immirat ghaz-zghazagh bejn it-18 u l-25 sena, fejn permezz ta' dan il-progett ser jinghata l-possibilta li 4 zghazagh mil-lokalita jippartecipaw f'dan l-iskambju internazzjonali. Wara diskussjoni s-Sindku, s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill jafda lis-Sinjorina Ramona Daccache, ghalliema tal-Lingwa Franciza u residenti fil-Birgu sabiex tkun hi l-ko-ordinatrici ta' dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mal-Lead Partners tal-Progett "MedCoast.Net" sabiex jissotomettu proposta ghall-progett gdid fi hdan l-Unjoni Ewropea that is-sejha Interreg IVC, il-progett bit-titlu "ACCENT" li tfisser "Aestheticts of City Centres with Environmental Management Urban regeneration initiatives, natural & technological risks reduction". Is-Sindku zied jghid li l-budget allokat ghal dan il-progett ser ikun ta' € 197,500 bil-finanzjament min-naha tal-Kunsill ikun ta' € 29,625. Il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill Loklai tal-Birgu ghandu jissieheb fil-proposta ta' dan il-progett.

2.5 Is-Sindku, Is-Sur John Boxall ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jitlob biss is-servizz tal-gwardjani lokali ghal siegha fil-gimgha biss sabiex l-Kunsill jibqa' fis-sistema tal-Kumitat Kongunt, biss sostna l-livell ta' sorveljanza fil-lokalita' billi jitlob is-servizz ta' pulizija extra, liema servizz jqum € 8.11 fis-siegha minghajr l-VAT. Wara d-diskussjoni l-Kunsilliera Miriam Grech ssekkondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Ittra minghand s-Sur Lorenzo Zahra, Segretarju tas-Socjeta Storika Kulturali fejn ghan-nom ta' l-imsemmija Socjeta talab sabiex isir ir-restawr tan-nicca tal-Kurcifiss tal-forka li hemm f'Misrah ir-Rebha. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex din it-talba tintlaqa'.

2.7 Is-Sindku s-Sur John Boxall ipprezenta kwotazzjoni sabiex isir bieb iehor ta' l-injam f'Gallerija Couvre Porte biex isir forma ta' store ghas-siggiejiet u mwejjed. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni mibghuta mill-Kumpanija SMW Cortis ghall-prezz ta' € 1815. Wara d-diskussjoni, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni biss ix-xoghol ma jsirx ghal issa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Is-sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li fuq il-gazetta tal-gvern ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Jannar, 2009, deher l-avviz tal-hrug tat-tender ghax-xogholijiet ta' restawr ghall-fortifikazzjonijiet li jddawru il-Birgu, dik tal-parti ta' barra.

## 3. Taghrif dwar il-progett Signs in the City 2

Il-Kunsilliera Miriam Grech, tat rendikont ta' l-ewwel Konferenza li hi flimkien ma' l-iskrivana Fiorella Scicluna attendiet bejn is-27 u t-30 ta' Jannar, 2009, gewwa Sofia fil-Bulgarija. Il-Kunsilliera Grech qalet li dan il-progett huwa kontinwazzjoni ta' l-ewwel progett "Signs in the City" b'differenza li fil-pajjizi partecipanti godda ser isiru l-kotba izda fil-Lokalita' tal-Birgu ser jingibdu filmati tal-hajja tal-Lokal u talbu anke sabiex il-Kunsill javvicina persuna barranija izda li tghix fil-Belt tal-Birgu sabiex tghinhom u taqsam l-esperjenza taghha. Wara d-diskussjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill javvicina lil Flavia Zimmerman. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Taghrif dwar il-progett tat-Torri ta' l-Arlogg u l-Progett tal-Pjazza

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera gie nfurmat li l-progett tal-Pjazza, Misrah ir-Rebha gie approvat. Il-Progett ser isir mill-Gvern Centrali. Is-Sindku qal li dan il-Kumitat talab sabiex il-Kunsill jifformula ittra sabiex il-fdalijiet tat-Torri ta' l-Arlogg jingabru f'post wiehed.

## 5. Taghrif dwar il-Kwistjoni mal-kumpanija Cleansing Services

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-Sur Paul Cutajar, Direttur tal-Kumpanija Cleansing Services ghamel sekwestru ta' flus fi tliet kontijiet Bankarji li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu mal-Bank of Valletta, APS U HSBC. Is-Sindku qal li bhalissa ghaddejien bil-passi necessarji legali biss. Is-Sindku zied jghid li ftit tax-xhur ilu, il-Kunsill kien bghat ittra bl-avukat fejn talab sabiex is-Sur Paul Cutajar jirrevedi l-kontijiet u kif dawn jigu reveduti l-Kunsill jkun lest li jaghmel il-pagamenti mehtiega.

## 6. Taghrif dwar il-progett tal-Parkegg taht il-Ground tal-Fortini

Is-Sindku qal li kif il-Kunsilliera jafu tajjeb, il-Ground tal-Fortini jippartieni lill-Klabb tal-Football Vittoriosa Stars F.C. izda huwa, bhala Sindku, ilu jsostni mal-Gvern Centrali li dan il-progett, flimkien mal-Progett tal-Pjazza u l-progett ta' l-area tal-Collacchio ghandhom jigu amalgamati. Is-Sindku zied jghid li bhalissa hemm it-tahdidiet sabiex dan il-progett jigi approvat mill-Gvern Centrali. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta kopja ta' ittra mibghuta mill-Avukat Peter Fenech, Vici President ta' l-MFA lis-Segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C. s-Sur Gerard Ellul fejn nfurma lil dan il-Klabb li l-MFA approvat t-talba ta' l-ghajnuna ghal progett ta' installazzjoni ta' turf artificjali gewwa l-ground tal-Fortini, liema assocjazzjoni approvat il-hlas ta' € 33 ghal kull metru kwadru ta' turf artificjali.

## 7. Taghrif dwar il-progett tal-pavimentar taz-zona tal-Collacchio

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-porogett tal-pavimentar taz-zona tal-Collacchio, liema progett ser isir mill-Gvern Centrali u ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, gie approvat. Barra minn hekk is-Sindku qal li qed isiru tahdidiet ukoll sabiex ir-residenti tal-lokal ikunu jistghu japplikaw ghall-fondi mal-MEPA ghar-restawr tal-faccati.

## 8. Servizz tal-gwardjani lokali fil-Birgu

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b'incident ckejken li kellu mal-kumpanija tal-gwardjani lokali fil-Birgu fejn cempel lill-Kumpanija u talab sabiex jidhlu fis-sistema ta' CCTV Camera. Is-Sur Joe Borg Direttur, f'din il-kumpanija nfurmah li kienu ser jiehdu hsiebha biss ftit ta' minuti wara s-Sindku rega cempel u barra li s-Sur Borg kien telaq, haddiem ta' l-istess Kumpanija nfurmah li waqghet il-linja tal-Camera u CCTV Camera ma kinitx qed topera. Wara diskussjoni mad-Diretturi ta' din il-Kumpanija, l-Kunsill gie nfurmat li s-servizz mghoti kien servizz random u l-ammont ta' kontravenzjonijiet kienu qed

jinghataw filghodu. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob lil din il-kumpanija tikkwota ghas-servizz ta' CCTV Camera ahjar min dak ezistenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9. Il-Fergha Caritas tal-Birgu**

Il-Kunsilliera Miriam Grech qalet li hi kellha l-opportunita tattendi ghall-attivita organizzata mill-Kumitat Caritas u nfurmat lill-Kunsill, li Kunsilli ohra jaghtu sussidji lill-Kumitat Caritas fil-lokalitajiet taghhom u ssugeriet sabiex il-Kunsill jipprova jsib soluzzjoni sabiex ir-relazzjoni ma' dan il-Kumitat jitjiebu. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill lest li jghin lill-Kulhadd u ghal daqstant issugerixxa sabiex isir laqgha mal-presidenta ta' din is-socjeta u raprezentanti mill-Kumitat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10. Affarijiet Ohra.**

10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li t-Tender ghal avukat kif ukoll it-tender ghall-manutenzjoni ta' toroq kienu ser jiskadu u ghaldaqstant issugerixxa sabiex jinhargu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgħa ntemmet fi 9:30 ta' filgħaxija.

Christine Bonello — Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati — John Boxall, Sindku